

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/569**tat-3 ta' April 2019****dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta intitolata “Rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea”**

(notifikata bid-dokument C(2019) 2314)

(It-test bil-Franċiż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

- (1) Is-suġġett tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta intitolata “Rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea” tirreferi għal li ġej: “Il-ħolqien ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni oġġettiv u imparzjali biex jivverifika l-applikazzjoni tal-valuri tal-Unjoni Ewropea mill-Istati Membri kollha”.
- (2) L-oġġettivi tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferu għal dan li ġej: “(a) Li l-Unjoni Ewropea jkollha leġiżlazzjoni ġenerali li tagħmilha possibbli li tiġi vverifikata b'mod oġġettiv l-applikazzjoni Prattika tad-dispożizzjonijiet nazzjonali relatati mal-istat tad-dritt sabiex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri u biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 7 TUE dwar ksur possibbli tal-valuri tal-Unjoni; (b) li l-infurzar tal-liġijiet Ewropej dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali (eż. il-Mandat ta' Arrest Ewropew) ikun iffaċilitat.”
- (3) L-anness għall-inizjattiva taċ-ċittadini proposta jirreferi għat-tisħiħ tar-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, li tista' tintalab l-opinjoni tagħha sabiex tkun żgurata l-oġġettività massima tad-deċiżjonijiet mill-istitutazzjonijiet tal-Unjoni, inklużi l-oqsma tal-kooperazzjoni tal-pulizija u fis-sigurtà.
- (4) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) isaħħaħ iċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jqawwi iktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprevedi, fost l-oħrajn, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.
- (5) Għal dan l-għan, jenħtieġ li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-inizjattiva taċ-ċittadini jkunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura tal-inizjattiva taċ-ċittadini sabiex titħeġġeġ il-parteċi-pazzjoni taċ-ċittadini u biex l-Unjoni ssir iktar aċċessibbli.
- (6) Atti ġuridiċi tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati jistgħu jiġu adottati:
 - għall-miżuri li jistabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, iwettqu evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mill-awtoritajiet tal-Istati Membri, b'mod partikolari sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni sħiħa tal-prinċipju tar-rikonnoxximent reċiproku, abbażi tal-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);
 - għal emendi għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 ⁽²⁾, abbażi tal-Artikolu 352 TFUE.
- (7) Min-naħa l-oħra, atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati ma jistgħux jiġu adottati għall-fini li tiġi emendata l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 7 TUE.
- (8) L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, sa fejn għandha l-għan li tressaq proposti mill-Kummissjoni għal atti legali li jistipulaw arranġamenti biex titwettaq evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni mill-awtoritajiet nazzjonali tal-politiki tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, kif ukoll l-emendar tar-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, ma jaqax manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal atti legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 65, 11.3.2011, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007 li jistabbilixxi Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (ĠUL 53, 22.2.2007, p. 1).

- (9) Barra minn hekk, il-kumitat taċ-ċittadini ġie ffurmat u l-persuni ta' kuntatt inħatru skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament u l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta la tidher li hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tidher li tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni, kif stipulati fl-Artikolu 2 TUE.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta intitolata "Rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" tiġi rreġistrata.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-inizjattiva taċ-ċittadini proposta intitolata "Rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" hija b'dan irreġistrata.
2. Jistgħu jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini proposta, abbażi tal-fehim li jkollha l-għan li jsiru proposti mill-Kummissjoni għal atti legali
 - li jistabbilixxu arranġamenti biex titwettaq evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja mill-awtoritajiet nazzjonali;
 - li jemendaw ir-Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-8 ta' April 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-organizzaturi (il-membri tal-kumitat taċ-ċittadini) tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta intitolata "Rispett għall-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea", irrappreżentati mis-Sur Pier Virgilio DASTOLI u s-Sur Marco CAPPATO li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni
Frans TIMMERMANS
L-Ewwel Viċi President